MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2011

Citazzjoni Numru. 113/2009

**A B**

**-vs-**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B fejn din, wara li ppremettiet:

Illi l-kontendenti kienu zzewgu fit-28 ta’ April 1996, u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien marbut ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur;

Illi l-partijiet, ghalkemm m'humiex interdetti jew morda b'mohhhom, ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intellettwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Illi, ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artikolu 19 (1) (d) u/jew (f) u/jew (h) tal-Att dwar iz-Zwigijiet (Kapitolu 255) tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, il-konvenut jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut huwa null u bla effett.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat li, ghalkemm debitament notifikat, l-intimat C D ghazel li ma jwegibx ghall-kawza.

Rat id-dokumenti.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-partijiet f'din il-kawza zzewgu fl-1996 meta l-mara kellha 22 sena u r-ragel 26. is-sitwazzjoni fid-dar tal-mara kienet wahda xejn serena, peress illi missierha kien persuna vjolenti u l-genituri taghha fil-fatt kienu qed jinfirdu. Anke tul l-gherusija, l-intimat wera bic-car illi hajtu

irid jghixha kif jidhirlu hu u kien hemm sezzjonijiet minn hajtu fejn hi ma setghetx la tippartecipa u lanqas tindahal. Infirdu wara biss tlett snin ta' zwieg, zwieg li minnu ma twieldux tfal. Ir-rikorrenti issa qed titlob dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg ghal diversi ragunijiet.

Il-Qorti ttenni mill-ewwel l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawza "**Joseph Zammit vs Bernadette Zammit**", (deciza fis-27 ta' Jannar, 2006):

"*Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe' li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun prezunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti ta' l-allegazzjonijiet rispettivi taghha dwar l-allegazzjoni cioe' li z-zwieg kien null, ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.*"

L-ewwel li ser tikkonsidra din il-Qorti hija l-kawzali invokata tal-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, kif kontemplata fl-Art. 19 (1) (f) tal-Kap. 255.

Fil-kuntest ta' din il-kawzali, il-Qorti tal-Appell fil-kawza "**Josette Spiteri nee' Scicluna vs George Spiteri**" (deciza fid-9 ta' Frar, 2001), irriteniet illi:

"*Dana d-difett – is-simulazzjoni tal-kunsens – gie ezaminat f'diversi sentenzi ta' din il-Qorti (ara, inter alia, "Anna Galea vs. John Walsh", (30 ta' Marzu, 1995) u "Dr. Stephen Muscat vs. Maria Borg Grech", (14 ta' Awissu, 1995). Biex jirrizulta dana d-difett irid jigi ppruvat, sal-grad li trid il-ligi f'kawzi civili, li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, il-parti in kwistjoni (jew iz-zewg partijiet jekk l-allegazzjoni tkun fil-konfront tal-kunsens tat-tnejn) tkun eskludiet b'att pozittiv tal-volonta' iz-zwieg innifsu jew element essenzjali tal-hajja mizzewga jew id-dritt ghall-att taz-zwieg.*"

U ukoll fil-kawza **"Adrian Busietta vs Eileen Busietta**", (deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' April, 2009):

"*Fid-duttrina jinghad li jkun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra (jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b'att posittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg (simulazzjoni totali), jew, dejjem b'dak l-att pozittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali) – ara f'dan is-sens* ***Muscat vs Borg Grech noe****, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Awwissu, 1995. Kif jinghad ukoll minn O. Giacchi fil-ktieb "Il consenso nel matrimonio canonico" (Ediz. 1968 pagna 92),*
*"Nell'animo del nubente, perche' si abbia simulazione... occorre che vi sia non un'assenza della volonta' matrimoniale, ma la presenza di una positiva volonta' di escludere."* "

Intqal ukoll fil-kawza "**Theresa Taguri nee' Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe**", (deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fl-10 ta' Novembru 1999):

"*Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni posittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens.*"

Fil-kaz in ezami, ir-rikorrenti, fl-affidavit taghha tghid hekk:

"*C kien qalli li l-gimgha filghaxija u s-sibt matul il-gurnata kien ser ikun il-hin liberu tieghu sabiex iqattghu mal-hbieb tieghu. Ghamel drabi li kien beda jipprova jghaddi l-hin mieghi pero' kien jidher li qieghed jisforza.*"

Tghid ukoll:

"*Kien hemm granet qabel it-tieg fejn jiena kont bkejtlu sabiex jaghtini aktar attenzjoni u jghaddi aktar hin mieghi. Huwa kien qalli sabiex ma nindahalx fil-hin tieghu specjalment il-gurnata tas-sibt u li wara li ser nizzewgu kien se jaghmel aghar.*"

Meta xehed viva voce quddiem il-Qorti, l-intimat xehed hekk:

"*A ma kinitx taqbel mal-idea li jiena nohrog wahdi mal-hbieb u konna niggieldu hafna. Ma kinitx tafdani hafna nahseb dak iz-zmien. Konna t-tnejn mohh ir-rih, konna ghadna zghar. Dak iz-zmien kont nippreferi nkun mal-hbieb milli maghha. Qed nigi mistoqsi kif iddecidejna li nizzewgu, nghidlek ma nafx xi nghid. Ma nafx ghalfejn izzewwigna. It-tnejn ridna direzzjoni totalment differenti fil-hajja taghna. Inhossni ppressat biex nizzewweg ghax naf li A riedet titlaq mid-dar. Izzewwigna meta t-tnejn li ahna ma konniex ghadna nafu xi rridu mill-hajja. Meta zzewwigna, ir-relazzjoni ta' bejnietna iktar infirdet. Jiena meta kont qed nahseb biex nizzewweg ma kelli pjanijiet ta' xejn la familja, la tfal, xejn affattu. Kont ghadni zghir alavolja kelli 26 sena.*"

Oht ir-rikorrenti mbaghad tirreferi ghall-incident sinjifikanti:

"*Per ezempju C kien jinsisti li jmur ghand il-familja tieghu wahdu minghajrha. Darba niftakar fil-fatt gara hekk, kien precizament il-gurnata tal-birthday taghha. Hu baqa' jinsisti li johrog ma' hutu ghax kienet il-gurnata li johrog ma' hutu.*"

Dan ix-xenarju gie konfermat minn ommha fl-affidavit taghha:

"*A kienet qaltli li C kellu programm ghalih ta' kif jghix hajtu u ghaldaqstant A kienet tghaddi hafna hin wahedha. Infatti jiena u A aktar ma beda jghaddi z-zmien aktar bdejna niltaqghu u nghaddu hin flimkien, peress li t-tnejn li ahna konna wahedna.*

*Kont indunajt li t-tnejn li huma u cioe' C u A bdew jghixu hajjithom. Darba minnhom kont anke cempiltilha s-sibt filghaxija u ghidtilha kif qieghda wahedha dakinhar ukoll.*"

Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tqis illi r-rikorrenti rnexxielha tipprova sal-livell rikjest mil-ligi illi l-intimat tassew eskluda

z-zwieg. Ma kellu ebda intenzjoni li jifforma dik il-komunjoni dejjiema ta’ hajja u mhabba li essenzjalment tikkostitwixxi zwieg. Anzi, eskludiha.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

Tilqa’ t-talba tar-rikorrenti u tiddikjara li z-zwieg kontratatt bejn il-partijiet fit-28 ta’ April 1996 huwa null u bla effett.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------